**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 2803/2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Pauline Agius Cassar**

**Illum, 21 ta' Novembru, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant **Pauline Agius Cassar** detenur tal-karta tal-identita Maltija **303583M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fit-8 ta' Ottubru 2021 għall-ħabta tas-14.35hrs ġewwa l-fond bl-isem "Oia", Triq is-Sagra Familja, Bidnija, L/O Mosta:

- Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel il-ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandek, ġiegħelt bl-awtorita' tiegħek innifsek lil Christopher Anthony Cassar iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkilt lil Christopher Anthony Cassar fil- pussess ta' ħwejġu b'xi mod iehor kontra l-liġi jew indħalt fi ħwejjeġ ħaddiehor u cioe għalaqt l-aċċess għall-garage mal-fond 'Oia', Triq is- Sagra Familja, Bidnija, L/O Mosta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-21 ta' Gunju,2024, sabet lill-appellanti ħatja tal-akkuża miġjuba kontriha u bl- applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien 3 xhur, u in oltre ordnat illi I- appellanti tagħti aċċess għall-garaxx lill-kwerelant fi żmien 21 siegħa minn meta s- sentenza tiġi res judicata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Pauline Agius Cassar fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Lulju,2024, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

Tannulla, tħassar u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-21 ta' Gunju 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pauline Agius Cassar** u konsegwentement tillibera mill- appellanti minn kull akkuża u ħtija.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

L-EWWEL AGGRAV.JU-L-AFFIDAVIT HUWA NULL

L-ewwel Qorti ma kellhiex tistrih fuq l-affidavit tal-Kuntistabbli Susan Muscat in kwantu dan l-affidavit huwa kompletament null u kellu jigi sfilzat in vista ta' dak li jiddisponi l-artikolu 4 tal-Kapitolu 79 tal-Ligijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar il-Kummissjunarji b'Setgha li Jaghtu Gurament), li jghid hekk:

> *Il-Kummissjunarji hawn fuq imsemmija jistgħu jagħtu l-gurament u jirċievu affidavits ghall-hwejjeġ kollha li jkunu meħtieġa minn liġijiet ta' Malta jew ta xi pajjiż iehor, inkella li jkollhom x'jaqsmu ma proċedimenti li jkunu qegħdin isiru jew li jkunu sejrin isiru quddiem qorti, inkella li ragonevolment sejrin iservu ghal skop gudizzjarju, inkella li jirrigwardaw l-eżerċizzju ta'jedd ċivili:*

*Iżda* ***l-Kummissjunarji hawn fuq imsemmija ma jistgħux jeżerċitaw is-setghat moghtija lilhom*** *minn dan l-artikolu* ***fi proċeduri li fihom*** *huma jkunu l-avukati ta' waħda mill-partijiet jew li fihom* ***huma jkollhom interess.***

F'dan il-kaz il-gurament inghata mill-Ispettur Godwin Scerri u allura l-istess Spettur involut fil-prosekuzzjoni ta' dan il-kaz. Ma hemmx dubju li l-Ispettur li jkun mexxa l-proceduri ghandu interess fil-proceduri.

Dan il-punt gie trattat fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Degabriele** (Magistrati, 28 ta' Novembru 2023):

*Il-Qorti madanakollu thoss illi l-kelma interess fil-proviso tal-Art. 4 tal-Kap. 79 m'huwiex l-istess interess ġuridiku rikjest fi proċeduri ta' natura ċivili liema interess, kif ġie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza, għandu jkun dirett, personali u attwali. Hija l-fehma tal-Qorti illi l-interess rikjest fl-Art. 4 tal-Kap. 79 jista' jkun anke wiehed indirett jew sahansitra wiehed professjonali. Filwaqt li l-Ispettur Nicholas Vella certament ma kellu l-ebda interess dirett u personali f'din il-kawża (f'liema każ huwa lanqas kien ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu bhala Prosekutur fiha), madanakollu fil-kapaċità tieghu ta' Spettur tal-Pulizija u bhala l-persuna responsabbli ghall-ftuh tal-azzjoni kriminali u għat-tmexxija tagħha quddiem din il-Qorti, fl-isem tar-Repubblika ta' Maltal, huwa čertament kellu interess fl-eżitu tagħha fis-sens illi jara li din titmexxa sal-ahhar taghha, skond il-proċeduri u r-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi, qabel ma I- Qorti tagħti ddeċiżjoni finalı tagħha u l-kawża eventwalment tghaddi in gudikat.*

*Fiċ-ċirkustanzi il-Qorti taqbel li ma kellux ikun l-Ispettur Vella li jagħti l-gurament lil PS 1258 Carmel Debattista fl-affidavit tieghu u għalhekk tordna l-isfilz tiegħu.*

Ghall-istess ragunijiet, l-affidavit ta' PC 2031 Susan Muscat ghandu jigi sfilzat.

IT-TIENI AGGRAVJU - NUQQAS TA' PROVI

Fin-nuqqas tal-affidavit ta' PC 2031 Susan Muscat, ma hemm l-ebda prova fil- process illi torbot 1-ghemil tal-fatti allegati fl-imputazzjonijiet mal-esponenti.

Tibqa' biss ix-xhieda tal-parte civile Christopher Anthony Cassar li sintetikament qal hekk:

- Mar id-dar matrimonjali biex jigbor xi affarijiet;
- Ipprova jiftah il-bieb tal-garaxx bir-remote, izda ma nfetahx.
- Dahal fid-dar u pprova jidhol fil-garaxx minn bieb iehor, izda kien imsakkar.
- Ma sabx ic-cavetta.
- Ipprova jeempel lill-esponenti izda ma wegbitux.

Il-parte civile ghalhekk xehed b'mod vag u generiku, minghajr ma spjega f'liema data, hin u lok sehh I-incident, minghajr ma spjega ta' min hi d-dar matrimonjali, mingħajr ma spjega min joqghod go fiha, u minghajr ma qal min. apparti hu, kellu access jew pussess tal-garaxx imsemmi.

L-artikolu 638 tal-Kodiči Kriminali jagħmilha cara li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal- prova tal-prosekuzzjoni jintlahaq b'sccess. In oltre, biex ssib htija, il- prosekuzzjoni trid tipprova 1-kaz tagħha lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bazi għall-provi imresqa minnha.

F'dan il-kaz il-provi tant huma fqar illi hemm dubju fuq kull aspett ta' dan 1- episodju. II-parte civili xehed fil-qosor hafna u ma ta ebda dettalji dwar l-akkadut:

- Ma semmiex id-data u l-hin tal-akkadut;
- Ma semmiex il-lok u wisq anqas l-indirizz fejn sehh l-akkadut.
- Ma jafx min sakkar il-garaxx.

II-prosekuzzjoni ghaldaqstant naqset milli tipprova lill'hinn minn kull dubju ragonevoli l-imputazzjoni kif dettota kontra l-esponenti, u cioe' li "ghalqet I- access ghall-garaga mal-fond 'Oia', Triq is-Sagra Familja, Bidnija, L/O Mosta", u specifikatament fit-8 ta' Ottubru 2021 ghall-habta tas-14.35hrs". Ebda wiehed mill-elementi fattwali tal-akkuza, ma huma pruvati.

IT-TIELET AGGRAVJU INTENZJONALI TAR-REAT HUWA NIEQES L-ELEMENT

Barra l-fatt li ma gewx pruvati l-iktar fatti bazici tal-allegat reat, wisq anqas ma gie pruvat l-element kostituttiv tar-reat ta' raggion fattasi u cioe l-att estern deliberat u intenzjonat specifikatament biex il-parti leza jigi mcahhad milli jkompli bl-uzu jew it-tgawdija tal-garaxx.

F'dan il-kaz gara illi l-parte civili mar jipprova jiftah il-garaxx u sabu msakkar. Anke jekk l-esponenti sakret il-bieb hi (prova li ma ngibitx ghar-ragunijiet diga spjegati), ma jfissirx b'daqsekk li l-bieb sakritu biex iccahhad lill-parte civile milli jidhol jew juza il-garaxx. Dan l-element intenzjonali huwa essenzjali ghall-finijiet tar-reat ta raggion fattasi.

Kif gie spjegat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Il-Pulizija vs Dennis Vella** (Appell, 16 ta' Jannar 2019), minghajr l-element intenzjonali ma jistghax jissustisti r-reat tar-raggion fattasi:

> ***L-element intenzjonali huwa importanti ferm ghaliex huwa dak li jikkwalifika dan ir-reat minn reati ohra.*** *Fil-fatt hu ben risaput - u dan johrog anke mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal*

*reati ohra (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dan ir-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni talagent. Hu rrelevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni speċifika jew intenzjoni generika.*

*Fil-fatt fis-sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija vs Eileen Said u Il-Pulizija vs Vincent Cortis, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet telabora li* ***"element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l- agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezerċita dritt li jahseb li ghandu*** *ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta ta haddiehor, per ezempju Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali inveċe jikkonsisti fillı wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

L-istess inghad fil-kawza **<u>II-Pulizija vs Vincent Cortis</u>** (22 ta' Novembru 2008):

*Illi, kif dejjem gie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li* ***l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu*** *ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta haddiehor per ezempju. Ghalhekk* ***hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex tagħmel dak li ghamlet****. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id- dgawdija taghha.*

Dan mhuwiex kaz fejn l-esponenti biddlet is-serratura tal-bieb biex timpedixxi lil parte civili milli jidhol lecitament u regolarment gewwa fond. Lanqas ma serqet xi cavetta li kienet fil-pussess tal-parte civile. Il-parte civile semplicment ma setghax tsib ic-cavetta.

Fí kliem iehor, ma jirrizulta bl-ebda mod li l-esponenti ghamlet att deliberat u intenzjonali li biddel u pperturba l-istatus quo. Dan ghaliex ma jirrizultax li l-esponenti kienet imqar konsapevoli li l-parte civile ried jidhol fil-garaxx f'dik il-gurnata u f'dak il-hin partikolari, u li l-esponenti kellha I-hsieb deliberat li timpedih minn dan id-dritt Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi argument fejn l- esponenti qaltlu espressament li ma riditux jidhol fil-garaxx.

B'analogija, dak li gara jista' jigi paragunat ma sitwazzjoni fejn persuna ssakkar il-kamra tal-banju waqt li qieghdha tinhasel. Ovvjament dik mhijiex kaz ta' raggion fattasi ghaliex ic-"cahda mill-uzu tal-kamra tal-banju hija wahda temporanja, apparti li hija legittima u gustifikata Bl-istess mod, jista' ikun hemm varji kunsiderazzjonijiet u gustifikazzjonijiet legittimi ghalfejn persuna taghzel li ssakkar garaxx b'mod temporanju.

Huwa principju stabbilit fil-kamp kriminali ghal dak li jirrigwardja l-piz tal-prova illi jekk id-difiza taghmel punt, jew tislet argument, fuq bazi ta' probabilita', inkluż mill-provi tal-prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddahhal dubju dettat mir- raguni, allura I-Qorti ma tkunx tista' ssıb htija fl-akkuzat.

Hemm diversi spjegazzjonijiet legittimi u plawsibblı ghalfejn wiehed jiddeciedi li jsakkar xi kamra jew garaxx b'mod temporanju. Ma jfissirx b'dagsekk li persuna tkun hadet il-ligi b'idejha.

Ghall-kompletezza, huwa relevanti l-fatt li l-parte civili ghamel tentattiv wiehed biss, fokkazzjoni wahda biss, biex jidhol fil-garaxx, u hekk kif sabu maghluq, mar jirraporta l-ghassa. Ghalkemm jghid li pprova jcempel lill-esponenti, ma gab ebda prova ta' dan, u lanqas ma gab prova li ghamel tentattiv realistiku biex jikkomunika maghha. Minflok, mar jigri l-ghassa. Kaz ta'' "overreaction" insensata li tixhed volja ta' pika u litigju f'kuntest ta' zwieg imkisser.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ntavolata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it- 22 t' Ottubru, 2024.

Semghet il-partijiet jitrattaw nhar l-14 ta' Novembru, 2024.

**Ikkunsidrat**,

Illi **l-ewwel aggravju** mressaq mill-appellanti jirrigwardja l-aggravju li l-affidavit ta' PC 2031 Susan Muscat huwa null u ghandu jigi sfilzat stante li l-gurament gie amministrat mill-Ispettur Godwin Scerri u cioe' l-istess Spettur involut fil-prosekuzzjoni ta' dan il-kaz. L-appellanti tishaq illi ma hemmx dubbju li l-Ispettur li jkun mexxa l-proceduri ghandu nteress fil-proceduri ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 79 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

> *'4.Il-Kummissjunarji hawn fuq imsemmija jistgħu jagħtu l-ġurament u jirċievu affidavits għall-ħwejjeġ kollha li jkunumeħtieġa minn liġijiet ta' Malta jew ta' xi pajjiż ieħor, inkella lijkollhom x'jaqsmu ma proċedimenti li jkunu qegħdin isiru jew lijkunu sejrin isiru quddiem qorti, inkella li raġonevolment sejriniservu għal skop ġudizzjarju, inkella li jirrigwardaw l-eżerċizzju ta'jedd ċivili:*
>
> *Iżda l-Kummissjunarji hawn fuq imsemmija ma jistgħux jeżerċitaw is-setgħat mogħtija lilhom minn dan l-artikolu fi proċeduri li fihom huma jkunu l-avukati ta' waħda mill-partijietjew li fihom huma jkollhom interess.'*

L-appellanti kwotat is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Degabriele** deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-28 ta' Novembru, 2023, u dan sabiex isahhah l-argument taghha. Madankollu, sussegwentament kien hemm sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati li ddecidew il-kuntrarju ta' dak deciz fis-sentenza sucitata fosthom is-

sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Isaac Borg**,[1] fejn il-Qorti dahlet fid-dettal fuq dan il-punt. In oltre, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-istess ismijiet u cioe' **Il-Pulizija vs Emanuel Degabriele**[2] pprovdiet is-segwenti:

> *Illi l-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, daħal fis-seħħ bis-saħħa tal-Ordinanza VIII tal-1934 li kienet promulagata fis-6 ta' Frar 1934, u hija bbażata fuq l-Commissioners for Oaths Act 1889 ta'l-Ingilterra u Wales. L-Artikolu 1 ta' dan l-Att jiddisponi tastwalment illi:*
>
> *'1. Appointment and powers of commissioners for oaths.*
>
> *(1) The Lord Chancellor may from time to time, by commission signed by him, appoint persons being practising solicitors or other fit and proper persons to be commissioners for oaths, and may revoke any such, appointment.*
>
> *(2) A commissioner for oaths may, by virtue of his commission, in England or elsewhere, administer any oath or take any affidavit for the purposes of any court or matter in England, including any of the ecclesiastical courts or jurisdictions, matters ecclesiastical, matters relating to applications for notarial faculties, and matters relating to the registration of any instrument, whether under an Act of Parliament or otherwise, and take any bail or recognizance in or for the purpose of any civil proceeding in the Supreme Court, including all proceedings on the revenue side of the Queen's Bench Division.*
>
> *(3) Provided that a commissioner for oaths shall not exercise any of the powers given by this section in any proceeding in which he is solicitor to any of the parties to the proceeding, or clerk to any such solicitor, or in which he is interested.*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 t' April, 2024.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Settembru, 2024.

*Illi d-diċitura tas-sub-inċiż 3 huwa simili għal dik tal-proviso għall-artikolu 4 li jipprovdi divjet fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' Kummissjunarju f'żewġ istanzi u ċioe':*

*1. jekk dan ikun avukati ta' xi parti fil-proċeduri, u/jew*
*2. jekk ikollu interess fil-proċeduri.*

*Illi madanakollu il-liġi brittanika kuntrarjament għal dik lokali tagħti din is-setgħa lill-avukat u lin-nutar pubbliku meta hemm dispost fl-artikolu 1 li dawn jistgħu jkunu '**practising solicitors or other fit and proper persons'**. Illi allura id-divjet f'dik il-liġi li ġiet trasposta fil-liġi tagħna b'mod identiku trid neċessarjament tinqara fid-dawl tal-persuni hemmhekk indikati li jistgħu jkunu maħtura bħala kummissjunarji. Dan qed jingħad għaliex l-Ewwel Qorti qiset illi l-Ispettur Nicholas Vella fil-vesti tiegħu ta' Uffiċjal Prosekutur jaqa' taħt it-tieni istanza ta' esklużjoni indikata fil-liġi u dan meta fil-fehma tagħha huwa fuq inizjattiva tiegħu illi ġew varati dawn il-proċeduri penali, tant illi huwa għandu interess illi jara illi dan il-proċess penali jitmexxa sat-tmiem tiegħu li ifisser illi allura għandu interess fl-eżitu ta'l-istess.*

***<u>Illi din il-Qorti, madanakollu ma tistax taqbel ma' din il-fehma u dan għaliex fl-ewwel lok il-funzjoni ta' avukat difensur, u l-interess tiegħu fl-eżitu tal-proċeduri fejn huwa jkun qiegħed jiddefendi l-kljient tiegħu, ma tista' qatt tkun ekwiperata ma' dak tal-prosekutur, kif lanqas ma tista' taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-prosekutur għandu xi interess (u m'għandux ikollu interess) fil-proċeduri minnu nizjati għajr dak tal-interess pubbliku.</u>*** *Illi l-interess li titkellem dwarha il-liġi huwa dak 'l hekk imsejjaħ il-vested interest u allura f'dawk l-istanzi fejn ikun qed jiġi konsegwit xi benefiċċju, jkun xi jkun, anke jekk mhux wiehed*

*finanzjarju, interess illi huwa vestit fil-funzjoni ta' avukat difenaur li qed jidher għal xi parti fil-proċeduri.* ***<u>Illi l-figura tal-prosekutur qatt ma jista' jkollha dan l-interess, kif ingħad, billi huwa jkun qed jaġixxi għan-nom tas-soċjeta in ġenerali u fejn allura fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu għandu jkun ggwidat mill-interess pubbliku u l-ebda interess ieħor jkun xi jkun.</u>***

Illi l-Qorti tal-Appell kif diversament ippreseduta elaborat dwar lir-rwol tal-prosekutur li kien is-suġġett ta' rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kunsill ta'l-Ewropa u il-Kumitat tal-Ministri u li jelenkaw hekk il-manzjonijiet tal-prosekutur. Sussegwentament, l-istess Qorti kompliet billi provdiet billi qalet is-segwenti:

*'Illi huwa minnu ukoll illi fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu il-Kumitat tal-Ministri jenfasiżża l-importanza illi l-kariga ta' uffiċjal tal-pulizija u r-rwol tal-proskeutur jinżammu indipendenti minn xulxin, u dan għal ħarsien tas-saltna tad-dritt,* ***<u>iżda b'daqshekk ma jfissirx illi f'dan il-każ meta l-Uffiċjal Prosekutur aġixxa bħala kummissjunarju u ssomministra l-ġurament lix-xhud, li kien l-uffiċjal tal-pulizija li investiga dan il-każ, huwa kellu dak l-interess li jitkellem dwaru l-proviso għall-artikolu 4 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti</u>.*** *Lanqas ma jidher fuq kollox illi l-Ispettur Nicholas Vella kellu xi rwol ta' investigatur f'dan il-każ, iżda assuma biss ir-rwol ta' prosekutur meta istitwixxa l-process penali kontra l-appellat u mexxa l-prosekuzzjoni ta'l-istess biex* ***<u>b'hekk l-uniku interess li kellu huwa dak bħala prosekutur li huwa l-interess pubbliku u mhux dak l-interess, kif indikat fil-proviso għall-artikolu 4.</u> <u>Illi dan magħdud, madanakollu, l-Prosekuzzjoni għandha tara illi meta uffiċjal tal-pulizija jagħżel li iressaq ix-xiehda tiegħu permezz tal-proċedura tal-affidavit, dan ma jkunx maħluf quddiem l-ispettur tal-pulizija li jkun ser jassumi</u>***

***ir-rwol ukoll ta' prosekutur fil-kawża u dan għal ħarsien tas-saltna tad-dritt.***

…

*Illi mbagħad mill-atti proċesswali odjerni, jirriżulta biss illi l-iSpettur Nicholas Vella* ***kien sempliċiment ssomministra ġurament skont il-liġi u ma jirriżulta minn imkien li huwa kellu xi forma ta' influwenza fuq il-kontenut tal-affidavit magħmul mix-xhud, liema kontenut huwa rifless fil-PIRS report eżebit in atti u li kien ikkumpilat ukoll mill-istess xhud a tempo vergine.'***

In vista tas-suespost, ill-Qort f'dan il-kaz, laqghet it-talba tal-Avukat Generali u rrevokat il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti fejn iddikjarat l-affidavit inammissibli u ghalhekk iddikjaratu bhala prova ammissibli.

L-ufficjal prosekutur, fil-kaz odjern, jirrizulta li ma kellux interess hekk kif provdut fil-proviso tal-Artikolu 4 tal-Kap 79 tal-Ligijiet ta'Malta, izda l-uniku nteress tieghu kien l-interess pubbliku u xejn iktar. Illi jirrizulta li l-Ispettur Godwin Scerri ma kellux sehem fl-investigazzjoni u assuma biss l-irwol ta' proskeutur. Huwa ssoministra gurament skont il-ligi u ma jirrizultax li kellu xi nfluwenza fuq il-kontenut tal-affidavit, liema kontenut huwa rifless ukoll fil-PIRS Report u li kien ikkumpilat mill-istess xhud a *tempo vergine*. Ghaldaqstant, din il-Qorti taqbel ma din il-Qorti kif diversament ippreseduta, meta ddeciedet li idealment affidavits ta' din ix-xorta ghandhom jigu mahlufa quddiem persuna li ma tkunx ser tassumi l-irwol ta' prosekutur u dan sabiex tigi assigurata s-saltna ta' dritt. Madankollu, dan ma ghandux iwassal ghall-inammissibilta' tal-affidavit ta' PC 2031 Susan Muscat u ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanti qieghed jigi michud.

Madankollu, din il-Qorti jidrilha illi ghandha tqajjem *ex officio* il-fatt illi l-affidavit ta' PC 2031 ghandu nuqqas li ma jistax ma jigix sollevat minn din il-Qorti. L-Artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> *'Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza* ***<u>għandu jiddikjara sewwa</u>*** *fil-jurat jew fl-attestat* ***<u>il-lok u d-data</u>*** *li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:*
> *Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħudu li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi'*

Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni tal-ligi jidher car li l-ligi tirrikjedi li jigi specifikat il-lok ta' fejn jkun inghata l-gurament. Infatti l-legislatur uza l-kliem '*ghandu jiddikjara*' u jkkwalifika ukoll bil-kelma '*sewwa*'. Il-legislatur ma wzax il-kelma '*tista*' f'liema kaz, kien ikun biss fakoltativ li jigi indkat il-lok fejn inghata l-gurament. Ghalhekk anke kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Jan Christoffer Oskarsson,</u>**[3] il-Kummissjunarju tal-Pulizija b'setgha li jaghti gurament, huwa obbligat bil-ligi li jindika l-lok fejn huwa issominsitra l-gurament lix-xhud.

Illi f'dan il-kaz jigi nnutat l-isem u l-kariga tal-ufficjal tal-pulizija, il-firma tieghu u d-data u cioe' is-16 t' Ottubru, 2021. Madankollu, l-lok fejn ittiehed il-gurament ma giex specifikat. Għalkemm fl-istess affidavit hemm spazju fejn ghandu jitnizzel il-lok fejn ittiehed il-gurament, il-lok ghal xi raguni jew ohra baqa' ma giex indikat. Ghalkemm huwa possibbli li dan il-gurament gie amministrat fl-ghassa tal-Mosta, dak li hu possibbli ma jinghatax importanza quddiem din il-Qorti u dan stante li taht il-kappa tax-xemx, kollox hu possibli. La darba wiehed mill-elementi tassattivi li jrid ikun fih l-

[3] Deciz mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta Lulju 2024 per Magistrat Dr Jean Paul Grech

affidavit huwa nieqes, din il-Qorti ma tistax tqis li l-affidavit ta' PC 2031 bhala prova ammissibbli u ghalhekk qeghda tordna l-isfilz tieghu.

**<u>It-tieni aggravju</u>** mressaq mill-appellanti jirrigwardja n-nuqqas ta' provi sabiex tinstab htija fil-konfront tal-appellanti. Illi stante l-affidavit ta' PC 2031 Susan Muscat gie sfilzat, din il-Qorti mhux sejra tiehu konjizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant bhala provi ghalhekk insibu **<u>l-NPS Report</u>**,[4] li ma gie kkonfermat minn hadd u ghalhekk ma ghandux valur probatorju u ser jigi skartat in toto.

In oltre, nsibu wkoll ix-xhieda ta' **<u>Christopher Anthony Cassar</u>**[5] fejn nhar it-3 ta' Gunju, 2024 xehed u qal li kellu *sleepover* assenjata lilu bit-tfal u wara li gabarhom mill-iskola mar id-dar matrimonjali sabiex jigbor xi affarijiet. Jghid li ppruva jiftah il-garaxx bir-*remote* u nduna li l-bibien kienu mitfija mid-dawl. Dahal mid-dar u sab li l-bieb li jaghti ghall-garaxx kien imsakkar min-naha ta' gewwa. Hu ppruva jfittex ic-cavetta u ma kienitx hemm. Spjega kif l-*ispare keys* huma kienu jzommuhom go *safe* fil-garaxx allura ma setax jiftah. Ipprova jcempel lill-appellanti sabiex jistaqsiha, izda din ma wegbitx. It-tifel il-kbir mar igiblu xi tlett (3) icwievet mill-kamra tieghu izda dawn ma kienux jaqblu. Qal li dan il-bieb ma kienux isakkruh u dejjem kienu jzommu c-cavetta fuq in-naha ta' gewwa fil-bieb tal-garaxx izda din ma kienitx hemm. In kontro-ezami spjega kif kellu access ghall-kmamar kollha barra ghall-garaxx. Spjega kif hu xtaq li t-tfal jiehdu gost mieghu fil-*weekend* mieghu bl-affarijiet u l-gugarelli li hu stess kien xtralhom u li minhabba li ma kellux access ma setax juza mat-tfal tieghu.

Illi jigi nnutat illi s-Sur Cassar xehed b'mod vag hafna, minghajr ma specifika l-gurnata, il-hin u l-lok preciz ta' fejn sehh l-incident. Lanqas ma elabora fuq l-istatus civili tieghu u x'relazzjoni kellu u ghandu mal-appellanti.

[4] Fol. 2 et seq tal-process.
[5] Fol. 8 et seq tal-process.

In oltre, kif gie ritenut fil-kawzi **Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et**,[6] **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**[7] u **Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo,**[8] sabiex jikkonfigura r-reat ta' ragion fattasi jridu jikkonkorru erba'elementi:

> *(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,*
> *(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,*
> *(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*
> *(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*[9]

Illi dawn l-elementi sucitati ma jirrizultawx fil-kaz odjern. Ghaldaqstant, il-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova l-kaz taghha 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghal dawn ir-ragunijiet it-tieni aggravju qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda tilqa' ir-rikors tal-appell ta' Pauline Agius Cassar abbazi tat-tieni aggravju minnha mressaq, filwaqt li qeghda tichad l-ewwel aggravju u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet aggravju. Ghaldaqstant is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-21 ta' Gunju, 2024 qed tkun revokata u l-appellanti qed tkun mehlusa minn kull htija u piena.

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex jigu evitati nuqqasijiet fir-rigward t'affidavits u sabiex dejjem jithares li**

---

[6] Deciza nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell.
[7] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[8] Deciza nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell
[9] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Anthony Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imhallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Gunju 2014. Ara wkoll fost ohrajn **Il-Pulizija vs Mario Bezzina**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imhallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Michael Lungaro**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-imhallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs Eileen Said** deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono u datata d-19 taz Gunju 2002.

**dawn jigu dejjem sottomistrati skont il-ligi u cioe' skont il-Kapitolu 79 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef